MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Numru. 488/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**JOHN MARY VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom John Mary Vella, 40 sena, bin Anthony u Carmen nee' Vella imwieled Mellieha fl-1 ta' Frar, 1963 u joqghod 11, Triq l-Isqof Pietru Pace, Paola. ID No103563(M).

Gie akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Novembru 2000 f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' gaffa tat-tip 'Bobcat' li

kienet f'Xemxija Bypass, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin,, bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta' Mario Bonnici mix-Xaghra Ghawdex;

2. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Jannar 2003 u fis-snin ta' qabel din id-data xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li il-valur taghhom jeccedi l-elf lira Maltin, li gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fil-21 ta' Jannar 2003 u fis-snin ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi bidel numru serjali ta' magna tat-tip VM li hija mwahhla fuq il-gaffa tat-tip 'Bobcat' ghawn fuq imsemmija;

4. U aktar tali fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi ghamel bdil f'numru serjali ta' magna tat-tip VM li qeghda mwahhla fuq il-gaffa tat-tip 'Bobcat' ghawn fuq imsemmija;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 27 ta' Lulju, 2005 (Ara fol. 101 tal-Process) u nnutat li l-imputat John Mary Vella m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat wiegeb li hu hati tat-tielet (3.) akkuza u r-raba' (4.) akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tat-tielet (3.) akkuza u r-raba’ (4.) akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-ewwel (1.) akkuza u t-tieni (2.) akkuza migjuba kontra l-imputat huma akkuzi alternattivi ghat-tielet (3.) akkuza migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talbu li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel (1.) akkuza u t-tieni (2.) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li huwa dispost jikkopera mal-Pulizija u lest li jixhed f’kull proceduri li l-Pulizija tordnalu li jixhed fil-konfront ta’ terzi.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 187 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat John  Mary Vella, fuq ammissjoni, hati tat-tielet (3.) akkuza u r-raba’ (4.) akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-istess imputat John Mary Vella taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward l-ewwel (1.) akkuza u t-tieni (2.) akkuza migjuba kontra l-imputat, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza rigward dawn l-imsemmija zewg akkuzi kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1.) akkuza u t-tieni (2.) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat John Mary Vella l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------